DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1040

tas-16 ta' Mejju 2025

dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru nazzjonali u funzjonali ppreżentati mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, minn Franza, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, min-Netherlands u mis-Slovakkja skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti tal-Ajru Uniku Ewropew

(notifikata bid-dokument C(2025) 2930)

(It-testi bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Estonjan, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Latvjan u bis-Slovakk biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3), il-punt (c), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2803 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(3) tiegħu,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

Billi:

1. SFOND

(1) Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, l-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet, fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali ("FABs"), inklużi miri tal-prestazzjoni, għal kull perjodu referenzjarju tal-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-funzjonijiet tan-network. Dawk il-pjanijiet iridu jinkludu miri tal-prestazzjoni lokali li huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-perjodu referenzjarju kkonċernat.

(2) Il-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju ("RP4", 2025-2029) ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1688 ([3]).

(3) L-Istati Membri kollha fasslu u adottaw abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni għall-RP4, li ġew sottomessi lill-Kummissjoni għal valutazzjoni sal-1 ta' Ottubru 2024. Wara l-verifika tal-kompletezza ta' dawk l-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri jissottomessu abbozzi aġġornati tal-pjanijiet tal-prestazzjoni sal-15 ta' Novembru 2024.

(4) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata f'din id-Deċiżjoni hi bbażata fuq l-abbozzi aġġornati tal-pjanijiet tal-prestazzjoni għall-RP4 sottomessi mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Estonja, mill-Ġermanja, mill-Greċja, minn Franza, mill-Irlanda, mil-Latvja, mil-Lussemburgu, min-Netherlands, u mis-Slovakkja ("abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni").

([1]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/549/oj.
([2]) ĠU L, 2024/2803, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2803/oj.
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1688 tat-12 ta' Ġunju 2024 li tistabbilixxi miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru għar-raba' perjodu referenzjarju mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029 (ĠU L, 2024/1688, 17.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1688/oj).

(5) Il-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni ("PRB"), li jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' prestazzjoni, issottometta rapport lill-Kummissjoni bil-parir tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni.

(6) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 ([4]), il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri tal-prestazzjoni lokali inklużi fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u meta rilevanti qieset iċ-ċirkostanzi lokali.

(7) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza tal-miri sottomessi mill-Istati Membri kkonċernati rigward l-effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.1 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-miri proposti inklużi fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni jipprevedux livell ta' effettività tal-ġestjoni tas-sikurezza li jkun daqs jew iżjed mil-livell tal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha.

(8) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-ambjent, il-konsistenza tal-miri sottomessi mill-Istati Membri kkonċernati rigward l-effiċjenza tat-titjir *en route* orizzontali medja tat-trajettorja reali ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-miri proposti inklużi fl-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti tal-effiċjenza tat-titjir *en route* orizzontali stabbiliti fil-Pjan tat-Titjib tan-Network Ewropew tar-Rotot tat-2 ta' Lulju 2024, imfassal f'konformità mal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ([5]) ("ERNIP"). Dik il-valutazzjoni saret fid-dawl taċ-ċirkostanzi lokali.

(9) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, il-konsistenza tal-miri ppreżentati mill-Istati Membri kkonċernati rigward id-dewmien medju fil-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru ("ATFM") *en route* għal kull titjira ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-miri proposti inklużi fl-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tqabblu mal-valuri referenzjarji rilevanti stabbiliti fil-Pjan Operattiv tan-Network tat-2 ta' Lulju 2024, imfassal f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123. Dik il-valutazzjoni saret fid-dawl taċ-ċirkostanzi lokali.

(10) Fir-rigward tal-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, il-konsistenza tal-miri inklużi fl-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni rigward il-kost unitarju determinat ("DUC") għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru *en route* ġiet ivvalutata abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), (b) u (c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Dawk il-kriterji jikkonsistu fix-xejra tad-DUC tul l-RP4, ix-xejra fit-tul tad-DUC tul it-tielet perjodu referenzjarju (2020-2024) ("RP3") u l-RP4 (2020-2029), u l-valur bażi għad-DUC fil-livell taż-żona tal-imposti meta mqabbel mal-valur medju taż-żoni tal-imposti fejn il-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru għandhom ambjent operazzjonali u ekonomiku simili.

(11) Meta l-miri tal-kosteffiċjenza *en route* nstabu inkonsistenti mal-kriterji stabbiliti fil-punti 1.4(a), 1.4(b) u 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni eżaminat ukoll, fid-dawl tal-ġustifikazzjonijiet u tal-evidenza pprovduti fl-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni, jekk devjazzjoni tistax titqies meħtieġa u proporzjonata abbażi tal-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u ta' imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/317/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM, Air Traffic Management) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/123/oj).

(12) Il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-pjanijiet tal-prestazzjoni b'rieżami tal-elementi stabbiliti fil-punt 2 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Fir-rigward tal-punt 2.1(d)(vii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li, bħala parti minn dak ir-rieżami, m'għamiltx analiżi dettaljata tal-metodoloġiji użati mill-Istati Membri għall-allokazzjoni tal-kostijiet bejn is-servizzi *en route* u fit-terminal fl-RP4. Għalhekk, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma waslet għall-ebda konklużjoni rigward il-konformità ta' dawk il-metodoloġiji tal-allokazzjoni tal-kostijiet mal-punti (e) u (f) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

2. SEJBIET LI JIKKONĊERNAW LILL-BELĠJU, LIL FRANZA, LILL-ĠERMANJA, LIL-LUSSEMBURGU U LIN-NETHERLANDS

(13) Il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Iżvizzera fasslu u adottaw b'mod konġunt abbozz ta' pjan tal-prestazzjoni fil-livell tal-Blokk tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali Ċentrali tal-Ewropa ("FABEC").

(14) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC ("l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC") fir-rigward tal-Belġju, tal-Ġermanja, ta' Franza, tal-Lussemburgu u tan-Netherlands. Bħala pajjiż terz soġġett għall-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru ([7]), il-Kummissjoni nnotifikat lill-Iżvizzera separatament dwar is-sejbiet li ħarġu mill-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC ([8]).

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza ([9])

Iż-żona tal-imposti en route *tal-Belġju - il-Lussemburgu*

(15) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Belġju u l-Lussemburgu għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tal-Belġju - il-Lussemburgu	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 94,14**	**EUR-104,26**	**EUR-104,94**	**EUR-106,08**	**EUR-106,14**	**EUR104,43**	**EUR-103,83**

(16) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tal-Belġju u tal-Lussemburgu fil-livell taż-żona tal-imposti ta' - 0,1% tul l-RP4 hi inqas mix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10, ELI http://data.europa.eu/eli/reg/2004/550/oj).

([7]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2002/309(2)/oj.

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2025) 2923 tas-16.5.2025 dwar l-inkonsistenza ta' ċerti miri tal-prestazzjoni li jinsabu fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali ppreżentat mill-Iżvizzera skont ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju.

([9]) Il-Kummissjoni sabet li l-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* ta' Franza, inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-restazzjoni tal-FABEC huma konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni korrispondenti għall-Unjoni kollha għall-RP4. Għalhekk, f'din id-Deċiżjoni ma ssemmi l-ebda sejba relatata.

(17) Fir-rigward tal-kriterju ta' valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4 (b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tal-Belġju u tal-Lussemburgu fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' +1,1% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(18) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 104,26 tal-Belġju u tal-Lussemburgu, espress f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022 ("EUR2022"), hu 10,8% iżjed mill-valur bażi medju ta' EUR 94,13 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (e), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(19) Jeħtieġ jiġi eżaminat jekk id-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (16), (17) u (18) jistgħux jitqiesu meħtieġa u proporzjonati f'konformità mal-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat jekk id-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (16) u (17) humiex esklużivament dovuti għal kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għal kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(20) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, il-Belġju u l-Lussemburgu jirreferu għall-kostijiet determinati addizzjonali mġarrba tul l-RP4 mill-iskeyes tal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru ("ANSPs") u miċ-Ċentru tal-Kontroll taż-Żona ta' Fuq ta' Maastricht ("MUAC") b'rabta mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità lokali ("miżuri tal-kapaċità"). Il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati jinkludu l-elementi ewlenin li ġejjin:

(a) it-taħriġ u r-reklutaġġ mill-iskeyes u l-MUAC tal-kontrolluri ġodda tat-traffiku tal-ajru ("ATCOs"), prinċipalment biex jieħdu post l-ATCOs li mistennija jirtiraw tul l-RP4, iżda anki biex jakkomodaw it-tkabbir fit-traffiku previst u jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-sistema;

(b) l-akkwist fl-2028 u l-użu mill-iskeyes ta' sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ("ATM") li se tipprovdi avvanzi funzjonali u tekniċi sinifikanti; l-ATM il-ġdida se tissostitwixxi s-sistema attwali tal-ATM tal-iskeyes, li ilha tintuża mill-2009;

(c) l-introduzzjoni mill-iskeyes ta' għodda ġdida għall-ippjanar li se tippermetti roster awtomatizzat tal-ATCOs, biex jinkisbu mmaniġġjar ottimizzat tal-ħaddiema u għadd ta' gwadanji operazzjonali assoċjati;

(d) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-MUAC ta' għodod u funzjonijiet ġodda li jappoġġaw l-operat;

(e) l-implimentazzjoni mill-MUAC ta' titjib strutturali fid-disinn u l-użu tal-ispazju tal-ajru;

(f) il-kostruzzjoni mill-MUAC ta' binja ġdid ħalli jkollu kamra tal-operat ġdida (kamra OPS) b'uffiċċji u faċilitajiet ta' appoġġ.

(21) Wara li kkunsidrat l-evalwazzjoni tal-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni (PRB), il-kostijiet addizzjonali rrapportati mill-Belġju u mil-Lussemburgu għall-miżuri tal-kapaċità msemmija fil-premessa (20) huma ferm inqas mil-lat monetarju mid-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha kkalkulati mill-PRB. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li ċerti miżuri tal-kapaċità invokati mill-Belġju u l-Lussemburgu jistgħu jitqiesu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-ANSPs ikkonċernati jew jaf ma jikkontribwixxux direttament għat-titjib fil-kapaċità tal-ispazju tal-ajru. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż, mingħajr aktar informazzjoni u analiżi dettaljati, jekk il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati mill-Belġju u l-Lussemburgu jistgħux jitqiesu, fl-intier tagħhom, meħtieġa u proporzjonati għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali għall-RP4. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (16) u (17) ma jistgħux jiġu attribwiti esklużivament għall-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-miżuri tal-kapaċità ppreżentati.

(22) Għalhekk, il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqiesx li ntlaħaq fir-rigward tal-Belġju u l-Lussemburgu.

(23) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, il-Belġju u l-Lussemburgu ma ppreżentaw l-ebda miżura ta' ristrutturar li tiġġustifika devjazzjoni mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha skont il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(24) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (15) sa (23), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Belġju - il-Lussemburgu jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

Iż-żona tal-imposti en route *tal-Ġermanja*

(25) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Ġermanja għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tal-Ġermanja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 71,71**	**EUR 74,90**	**EUR 73,16**	**EUR 73,06**	**EUR 73,10**	**EUR 71,87**	**EUR 70,54**

(26) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tal-Ġermanja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' - 1,2% tul l-RP4 tikkonforma max-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(27) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tal-Ġermanja fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' - 0,2% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(28) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 74,90 tal-Ġermanja fl-EUR2022 hu 29,9% iżjed mill-valur bażi medju ta' EUR 57,66 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (a), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(29) Jeħtieġ jiġi eżaminat jekk id-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (27) u (28) jistgħux jitqiesu meħtieġa u proporzjonati f'konformità mal-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għaldaqstant, il-Kummissjoni vvalutat jekk id-devjazzjoni osservata mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessa (27) hix dovuta esklużivament għal kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għal kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(30) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, il-Ġermanja tirreferi għall-kostijiet determinati addizzjonali mġarrba tul l-RP4 mid-DFS (Deutsche Flugsicherung GmbH) tal-ANSPs u mill-MUAC fir-rigward tal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità lokali ("miżuri tal-kapaċità"). Il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati jinkludu l-elementi ewlenin li ġejjin:

(a) it-taħriġ u r-reklutaġġ ta' ATCOs ġodda mid-DFS u mill-MUAC: fil-każ tad-DFS, dik il-miżura hija ppjanata li tul l-RP4 twassal għal żieda ġenerali ta' aktar minn 10% fl-għadd ta' ATCOs fl-operat taċ-ċentri tal-kontroll taż-żona ("ACCs") ta' Bremen, Karlsruhe, Langen u Munich, biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' kapaċità li jġarrbu dawk l-ACCs; għall-MUAC, l-għadd ta' ATCOs fl-operat hu ppjanat li jiżdied biss bi ftit tul l-RP4 iżda l-ingaġġ ta' ATCOs ġodda se jibqa' sinifikanti biex jagħmel tajjeb għall-irtirar qawwi li hu mistenni fost l-ATCO tul dak il-perjodu referenzjarju;

(b) l-akkwist u l-użu mid-DFS ta' funzjonalitajiet ġodda tas-sistema tal-ATM għall-ACC ta' Bremen u ta' Munich; dawk il-funzjonalitajiet mistennija li jwasslu għal titjib operazzjonali fil-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, inkluż kapaċità aħjar tal-ispazju tal-ajru;

(c) l-inizjattiva tal-MUAC u tad-DFS, fir-rigward tal-ACC ta' Karlsruhe, li jistabbilixxu żewġ ċentri tad-data ġeosuperfluwi li kapaċi jappoġġaw u jissostitwixxu lil xulxin, ħalli tissaħħaħ il-kwalità tas-servizz tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(d) il-parteċipazzjoni tad-DFS, flimkien ma' sitt ANSPs oħra, fi programm ta' kooperazzjoni maħsub biex tinbena sistema komuni futura tal-ATM għall-ANSPs ikkonċernati; Id-DFS jidhrilha li s-sistema l-ġdida tal-ATM li tirriżulta tista' tintuża fl-ACC ta' Langen, mhux qabel l-2031, u b'hekk mhux tul l-RP4;

(e) l-użu mid-DFS tas-sistemi tekniċi u tas-software meħtieġa għall-konformità mas-sottofunzjonalità "AF6 – Kondiviżjoni tal-Informazzjoni dwar it-Trajettorja Inizjali" meħtieġa skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/116 ([10]);

(f) l-implimentazzjoni mid-DFS ta' bidliet fis-sistema tas-sorveljanza tiegħu, u għodda ġdida għal settorizzazzjoni aktar effiċjenti u dinamika tal-ispazju tal-ajru;

(g) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-MUAC ta' għodod u funzjonijiet ġodda li jappoġġaw l-operat;

(h) l-implimentazzjoni mill-MUAC ta' titjib strutturali fid-disinn u l-użu tal-ispazju tal-ajru;

(i) il-kostruzzjoni mill-MUAC ta' binja ġdid ħalli jkollu kamra tal-operat ġdida (kamra OPS) b'uffiċċji u faċilitajiet ta' appoġġ.

(31) Wara li kkunsidrat l-evalwazzjoni tal-PRB, il-kostijiet addizzjonali rrapportati mill-Ġermanja għall-miżuri tal-kapaċità msemmija fil-premessa (30) huma ferm inqas mil-lat monetarju mid-devjazzjoni osservata mix-xejra tal-kosteffiċjenza fit-tul għall-Unjoni kollha kkalkulata mill-PRB.

(32) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li ċerti miżuri tal-kapaċità invokati mill-Ġermanja jistgħu jitqiesu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-ANSPs ikkonċernati jew jaf ma jikkontribwixxux direttament għat-titjib fil-kapaċità tal-ispazju tal-ajru. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż, mingħajr aktar informazzjoni u analiżi dettaljati, jekk il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati mill-Ġermanja jistgħux jitqiesu, fl-intier tagħhom, meħtieġa u proporzjonati għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali għall-RP4. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessa (27) ma jistgħux jiġu attribwiti esklużivament għall-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-miżuri tal-kapaċità ppreżentati.

(33) Għalhekk, il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqiesx issodisfat fir-rigward tal-Ġermanja.

(34) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, il-Ġermanja ma ppreżentat l-ebda miżura tar-ristrutturar li tiġġustifika devjazzjoni mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha skont il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(35) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (25) sa (34), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Ġermanja jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

Iż-żona tal-imposti en route *tan-Netherlands*

(36) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti għaż-żona tal-imposti *en route* tan-Netherlands għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/116 tal-1 ta' Frar 2021 dwar l-istabbiliment tal-Proġett Komuni Wieħed li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru previst fir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2014 (ĠU L 36, 2.2.2021, p. 10-38, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/116/oj).

Iż-żona tal-imposti *en route* tan-Netherlands	Valur bażi tal-2019	Valur bażi tal-2024	2025	2026	2027	2028	2029
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR86,52**	**EUR-104,60**	**EUR-103,51**	**EUR-103,61**	**EUR-106,50**	**EUR106,28**	**EUR-105,95**

(37) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tan-Netherlands fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +0,3% tul l-RP4 hi inqas mix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(38) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tan-Netherlands fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' +2,3% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(39) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 104,60 tan-Netherlands fl-EUR2022 hu 11,3% iżjed mill-valur bażi medju ta' EUR 94,01 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (e), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(40) Jeħtieġ jiġi eżaminat jekk id-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (37) sa (39) jistgħux jitqiesu meħtieġa u proporzjonati f'konformità mal-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat jekk id-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (37) u (38) humiex esklużivament dovuti għal kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għal kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(41) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, in-Netherlands jirreferu għall-kostijiet determinati addizzjonali mġarrba tul l-RP4 mil-LVNL tal-ANSPs u mill-MUAC fir-rigward tal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità lokali ("miżuri tal-kapaċità"). Il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati jinkludu l-elementi ewlenin li ġejjin:

(a) it-taħriġ u r-reklutaġġ ta' ATCOs ġodda mil-LVNL u mill-MUAC, l-aktar biex jieħdu post l-ATCOs li mistennija jirtiraw tul l-RP4, iżda anki biex jakkomodaw it-tkabbir fit-traffiku previst u jappoġġaw il-modernizzazzjoni tas-sistema;

(b) it-titjib mil-LVNL fil-faċilitajiet tat-taħriġ u s-simulaturi tal-ATCO tagħha, ħalli żżid il-kapaċità u l-eżiti tat-taħriġ;

(c) l-aġġornament mil-LVNL tas-sistema ATM tagħha, li hija prevista biex fil-futur tkun tista tittejjeb il-kapaċità tal-ispazju tal-ajru;

(d) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-MUAC ta' għodod u funzjonijiet ġodda li jappoġġaw l-operat;

(e) l-implimentazzjoni mill-MUAC ta' titjib strutturali fid-disinn u l-użu tal-ispazju tal-ajru;

(f) il-kostruzzjoni mill-MUAC ta' binja ġdid ħalli jkollu kamra tal-operat ġdida (kamra OPS) b'uffiċċji u faċilitajiet ta' appoġġ.

(42) Wara li kkunsidrat l-evalwazzjoni tal-PRB, il-kostijiet addizzjonali rrapportati min-Netherlands għall-miżuri ta' kapaċità msemmija fil-premessa (41) huma ferm inqas mil-lat monetarju mid-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha kkalkulati mill-PRB. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li ċerti miżuri tal-kapaċità invokati min-Netherlands jistgħu jitqiesu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-ANSPs ikkonċernati jew jaf ma jikkontribwixxux direttament għat-titjib fil-kapaċità tal-ispazju tal-ajru. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż, mingħajr aktar informazzjoni u analiżi dettaljati, jekk il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati min-Netherlands jistgħux jitqiesu, fl-intier tagħhom, meħtieġa u proporzjonati għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali għall-RP4. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (37) u (38) ma jistgħux jiġu attribwiti esklużivament għall-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-miżuri tal-kapaċità ppreżentati.

(43) Għalhekk, il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqiesx issodisfat fir-rigward tan-Netherlands.

(44) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, in-Netherlands ma ppreżentaw l-ebda miżura tar-ristrutturar li tiġġustifika devjazzjoni mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha skont il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(45) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (36) sa (44), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tan-Netherlands jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

Rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri tas-sikurezza

(46) F'konformità mal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC b'rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri tas-sikurezza inklużi f'dak il-pjan.

(47) Abbażi tar-rieżami msemmi fil-premessa (46), il-Kummissjoni tinnota li l-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC jinkludi miżuri għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni tas-sikurezza biex fl-2029 jintlaħqu l-miri għall-Unjoni kollha. Iżda l-Kummissjoni tinnota li, minkejja dawk il-miżuri, il-miri intermedji għas-snin 2025 sa 2028 ippreżentati mil-Lussemburgu u min-Netherlands għall-ANALUX u għal-LVNL rispettivament tal-ANSPs, huma baxxi b'mod mhux normali. Miri intermedji baxxi bħal dawn mhumiex iġġustifikati fid-dawl tal-prestazzjoni reali ta' dawk l-ANSPs fl-RP3 u l-miżuri ppreżentati għall-kisba ta' dawk il-miri tas-sikurezza għall-RP4.

(48) Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li l-Lussemburgu u n-Netherlands jenħtieġ li jindirizzaw is-sejbiet stabbiliti fil-premessa (47) billi jtejbu l-livelli tal-ġestjoni tas-sikurezza mmirati għall-2025 sal-2028 għall-ANALUX u għal-LVNL rispettivament tal-ANSPs, inkluż billi jistabbilixxu miżuri addizzjonali jekk ikun meħtieġ.

Rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri ambjentali

(49) F'konformità mal-punt 2.1 (a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC b'rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri ambjentali inklużi f'dak il-pjan.

(50) Abbażi tar-rieżami msemmi fil-premessa (49), il-Kummissjoni għandha dubji serji dwar jekk il-miżuri ppreżentati mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu u min-Netherlands għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali tal-FABEC humiex adegwati biex dawk il-miri jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod effettiv. Wara li kkunsidrat is-sejbiet tal-PRB, il-Kummissjoni tosserva, b'mod partikolari, li l-miżuri ppreżentati minn Franza fir-rigward tad-"DSNA" tal-ANSP mhumiex biżżejjed biex ikun jista jsir it-titjib immirat fl-effiċjenza tat-titjir fl-RP4.

(51) Għalhekk, il-Kummissjoni jidhirilha li l-FABEC jenħtieġ li tistabbilixxi miżuri addizzjonali għall-kisba tal-miri ambjentali tagħha għall-RP4, pereżempju, bl-implimentazzjoni effettiva tal-ispazju tal-ajru b'rotot liberi u bl-implimentazzjoni ta' spazju tal-ajru transfruntier b'rotot ħielsa ma' Stati Membri ġirien oħrajn.

Rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri tal-kapaċità

(52) F'konformità mal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC b'rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri tal-kapaċità *en route* inklużi f'dak il-pjan.

(53) Abbażi tar-rieżami msemmi fil-premessa (52), il-Kummissjoni għandha dubji serji dwar jekk il-miżuri ppreżentati mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu u min-Netherlands għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità *en route* tal-FABEC humiex adegwati biex dawk il-miri jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod effettiv. Wara li kkunsidrat is-sejbiet tal-PRB, il-Kummissjoni tosserva, b'mod partikolari, li l-miżuri ppreżentati mill-Ġermanja fir-rigward tad-"DFS" tal-ANSP mhumiex biżżejjed biex jissodisfaw b'mod effettiv id-domanda tat-traffiku mistennija fl-RP4.

(54) Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li l-FABEC jenħtieġ li tistabbilixxi miżuri addizzjonali għall-kisba tal-miri tal-kapaċità *en route* tagħha għall-RP4, pereżempju fir-rigward tat-taħriġ u r-reklutaġġ ta' ATCOs addizzjonali, użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, u arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.

Rieżami tal-miri tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(55) F'konformità mal-punt 2.1 (b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC b'rieżami tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal stabbiliti fir-rigward tal-ajruporti msemmija fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Instab li dawk il-miri joħolqu tħassib.

(56) Fir-rigward tal-Belġju, il-Kummissjoni tinnota li l-miri tal-kapaċità fit-terminal proposti għall-RP4 iwasslu għal deterjorament sinifikanti fid-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla kull sena meta mqabbel mal-RP3. Fil-fatt, il-miri proposti tal-RP4 huma stabbiliti għal 0,94 minuta għal kull titjira, ħlief għas-sena 2027 li għaliha qed jiġu proposti 2,00 minuti għal kull titjira, filwaqt li l-prestazzjoni reali rreġistrata fl-2024 kienet ta' 0,28 minuta għal kull titjira. Barra minn hekk, instab li dawk il-miri tal-kapaċità fit-terminal wasslu għal livell ferm agħar tad-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla għal kull titjira għall-ajruport ta' Brussell mil-livell tal-prestazzjoni ta' ajruporti simili identifikat mill-PRB.

(57) Fir-rigward tan-Netherlands, il-Kummissjoni tinnota li d-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla rreġistrat fl-aħħar tliet snin tal-RP3 kien f'livell għoli, u laħaq it-3,50 minuti għal kull titjira fl-2024. Il-miri tal-kapaċità fit-terminal proposti għall-RP4, għalkemm titjib meta mqabbel mal-RP3, iwasslu għal livell ferm agħar tad-dewmien medju tal-ATFM tal-wasla għal kull titjira għall-ajruport ta' Schiphol f'Amsterdam mil-livell tal-prestazzjoni ta' ajruporti simili identifikat mill-PRB.

(58) Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li l-Belġju u n-Netherlands jenħtieġ li jiġġustifikaw aktar il-miri tal-kapaċità fit-terminal għall-RP4 fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessi (56) u (57), jew jenħtieġ li jirrevedu dawk il-miri 'l isfel.

Rieżami tal-miri tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal

(59) F'konformità mal-punt 2.1(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC b'rieżami tal-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal stabbiliti fir-rigward tal-ajruporti msemmija fl-Artikoli 1(3) u (4) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Instab li dawk il-miri joħolqu tħassib.

(60) Fir-rigward taż-żona tal-imposti fit-terminal tal-Belġju, il-Kummissjoni tinnota li l-miri tal-kosteffiċjenza proposti jwasslu għal xejra tad-DUC ta' - 0,8% tul l-RP4. Iżda nstab li d-DUC medju għall-RP4 għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-ajruport ta' Brussell hu stmat li hu iżjed, b'marġni sinifikanti, mid-DUC medjan tal-ajruporti simili identifikati mill-PRB.

(61) Fir-rigward taż-żona tal-imposti fit-terminal tal-Ġermanja, il-Kummissjoni tinnota li l-miri tal-kosteffiċjenza proposti jwasslu għal xejra tad-DUC ta' - 0,8% tul l-RP4. Iżda nstab li d-DUC medju għall-RP4 għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-ajruporti ta' Munich, Hamburg, Dusseldorf u Cologne-Bonn hu stmat li hu iżjed, b'marġni sinifikanti, mid-DUC medjan tal-grupp rilevanti ta' ajruporti simili.

(62) Fir-rigward taż-żona tal-imposti fit-terminal tan-Netherlands, il-Kummissjoni tinnota li l-miri tal-kosteffiċjenza proposti jwasslu għal xejra deterjoranti tad-DUC ta' +0,4% tul l-RP4. Barra minn hekk, instab li d-DUC medju għall-RP4 tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminal fl-ajruport ta' Amsterdam-Schiphol hu stmat li hu iżjed, b'marġni sinifikanti, mid-DUC medjan tal-grupp rilevanti ta' ajruporti simili.

(63) Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li l-Belġju, il-Ġermanja u n-Netherlands jenħtieġ li jiġġustifikaw aktar il-miri tal-kosteffiċjenza fit-terminal tagħhom għall-RP4 fid-dawl tal-osservazzjonijiet stabbiliti fil-premessi (60), (61) u (62), jew jenħtieġ li jirrevedu dawk il-miri 'l isfel.

Rieżami tal-iskemi ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* u fit-terminal

(64) F'konformità mal-punt 2.1(f) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni rrieżaminat l-iskemi ta' inċentivi inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC ħalli tappoġġa l-kisba tal-miri tal-kapaċità ("skemi ta' inċentivi tal-kapaċità"). Instab li l-iskemi ta' inċentivi tal-kapaċità għall-RP4 stabbiliti mill-Belġju, minn Franza, mill-Ġermanja, mil-Lussemburgu u min-Netherlands għas-servizzi *en route* u fit-terminal jagħtu lok għal tħassib.

(65) Il-Kummissjoni tinnota li l-iskema ta' inċentivi tal-kapaċità *en route* tal-FABEC u l-iskemi ta' inċentivi tal-kapaċità fit-terminal tal-Belġju, ta' Franza, tal-Ġermanja u tan-Netherlands, kif stabbilit fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC, fihom żvantaġġ finanzjarju massimu li jammonta biss għal 0,50% tal-kostijiet determinati. Wara li kkunsidrat il-parir espert tal-PRB, il-Kummissjoni jidhrilha li l-iżvantaġġi finanzjarji massimi ta' dawk l-iskemi ta' inċentivi ma jikkonformawx mal-Artikolu 11(3), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, li jeżiġi li dawn l-iskemi ta' inċentivi jkollhom "*impatt materjali fuq id-dħul f'riskju*".

(66) Għalhekk, il-Belġju, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu u n-Netherlands jenħtieġ li jirrevedu l-iskemi ta' inċentivi tal-kapaċità msemmija fil-premessa (65) biex l-iżvantaġġi finanzjarji massimi li jinħolqu minħabba dawk l-iskemi ta' inċentivi jiġu stabbiliti f'livell li jkollu impatt materjali fuq id-dħul f'riskju, kif jeżiġi l-Artikolu 11(3), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dik ir-reviżjoni jenħtieġ li twassal għal żvantaġġ finanzjarju massimu li jilħaq jew jaqbeż il-1% tal-kostijiet determinati annwali.

3. SEJBIET LI JIKKONĊERNAW LID-DANIMARKA

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza

(67) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mid-Danimarka għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tad-Danimarka	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**DKK 466,58**	**DKK 543,10**	**DKK 529,76**	**DKK 521,41**	**DKK 515,34**	**DKK 506,93**	**DKK 500,26**
	EUR62,74	**EUR 73,02**	**EUR71,23**	**EUR70,11**	**EUR69,29**	**EUR 68,16**	**EUR 67,26**

(68) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tad-Danimarka fil-livell taż-żona tal-imposti ta' - 1,6% tul l-RP4 tisboq ix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(69) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tad-Danimarka fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' +0,8% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% f-istess perjodu.

(70) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 73,02 tad-Danimarka fl-EUR2022 hu 19,9% iżjed mill-valur bażi medju ta' EUR 60,91 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (f), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(71) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li d-Danimarka ma ppreżentat l-ebda ġustifikazzjoni għad-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (69) u (70) minħabba l-kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità jew tal-kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(d)(i) u (ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqisux issodisfati fir-rigward tad-Danimarka.

(72) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (67) sa (71), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tad-Danimarka jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

4. **SEJBIET LI JIKKONĊERNAW LILL-ESTONJA**

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza

(73) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Estonja għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tal-Estonja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 38,12**	**EUR 54,69**	**EUR 50,46**	**EUR 52,95**	**EUR 54,37**	**EUR 54,54**	**EUR 55,69**

(74) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tal-Estonja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +0,4% tul l-RP4 hi inqas mix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(75) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tal-Estonja fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' +4,3% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(76) Iżda l-Kummissjoni tinnota li minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Estonja tilfet sehem sinifikanti mit-titjiriet li jgħaddu minn fuqha li storikament kienet isservi. Tul l-RP4, dak it-tnaqqis fit-traffiku se jissokta jħalli impatt konsiderevoli fuq il-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tal-ANSP tal-Estonja u, b'mod partikolari, iħalli effett negattiv fuq ix-xejra fit-tul tad-DUC tal-Estonja kkalkulata tul l-RP3 u l-RP4 f'daqqa.

(77) Għalhekk jeħtieġ u jixraq jiġi eżaminat, għall-fini tal-kriterju tal-valutazzjoni msemmi fil-premessa (75), jekk l-Estonja tissodisfax ix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha fin-nuqqas taċ-ċirkostanzi msemmija fil-premessa (76).

(78) Għal dak il-għan, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid ix-xejra fit-tul tad-DUC tal-Estonja tul l-RP3 u l-RP4 fid-dawl tat-telf strutturali stmat tat-traffiku għall-Estonja minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, imkejla f'unitajiet ta' servizz *en route*. Dak il-kalkolu mill-ġdid jwassal għal aġġustament fix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Estonja ta' - 2,4%, u b'hekk tisboq ix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha ta' - 1,0%. Għalhekk, hu konklużi li l-Estonja tissodisfa l-kriterju tal-valutazzjoni msemmi fil-premessa (75), wara li tqis l-effett tat-tnaqqis sinifikanti fit-traffiku li seħħ minħabba l-gwerra fl-Ukrajna.

(79) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 54,69 tal-Estonja fl-EUR2022 hu 5,2% iżjed mill-valur bażi medju ta' EUR 52,00 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (d), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(80) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Estonja ma ppreżentat l-ebda ġustifikazzjoni għad-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (74) u (79) minħabba l-kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità jew tal-kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(d)(i) u (ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqisux issodisfati fir-rigward tal-Estonja.

(81) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (73) sa (80), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Estonja jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

5. **SEJBIET LI JIKKONĊERNAW LILL-GREĊJA**

Valutazzjoni tal-miri tal-kapaċità

(82) Il-miri tal-kapaċità *en route* proposti mill-Greċja għall-RP4, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM għal kull titjira, u l-valuri referenzjarji korrispondenti mill-Pjan Operattiv tan-Network tat-2 ta' Lulju 2024, huma kif ġej:

Il-Greċja	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, espressi f'minuti ta' dewmien tal-ATFM *en route* għal kull titjira	**0,69**	**0,50**	**0,19**	**0,16**	**0,16**
Valuri referenzjarji	0,34	0,25	0,19	0,16	0,16

(83) Il-Kummissjoni tosserva li l-miri tal-kapaċità proposti mill-Greċja għall-2027, għall-2028 u għall-2029 huma daqs il-valuri referenzjarji nazzjonali korrispondenti. Iżda l-miri tal-kapaċità proposti huma ferm iżjed mill-valuri referenzjarji fir-rigward tas-snin 2025 u 2026.

(84) Il-miżuri għall-kisba tal-miri tal-kapaċità ppreżentati mill-Greċja jinkludu t-taħriġ u r-reklutaġġ mill-ANSP ta' għadd ġmielu ta' ATCOs ġodda, li tul l-RP4 ikun jammonta għal żieda ġenerali ta' 35% fl-għadd ta' ekwivalenti full time tal-ATCOs fl-operat tal-ACC. Barra minn hekk, l-ANSP jippjana li juża sistema tal-ATM ġdida, itejjeb in-network tar-radar tiegħu, jimplimenta miżuri għar-riorganizzazzjoni tal-ispazju tal-ajru, u jtejjeb il-proċeduri għall-ġestjoni tal-fluss u tal-kapaċità tat-traffiku tal-ajru tiegħu.

(85) Abbażi tal-evalwazzjoni tal-PRB, il-Kummissjoni tinnota li ċerti miżuri rilevanti għat-titjib fil-kapaċità deskritti fil-Pjan Operazzjonali tan-Network tat-2 ta' Lulju 2024 mhumiex inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Greċja. Dan jista' jwassal għal diskrepanza fil-kapaċità tul l-RP4, inklużi fl-2025 u fl-2026 li għalihom il-miri tal-kapaċità proposti huma iżjed mill-valuri referenzjarji korrispondenti.

(86) Fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, il-Greċja tiddikjara li l-miri tal-kapaċità għas-snin kalendarji 2025 u 2026 ma setgħux jiġu stabbiliti f'konformità mal-valuri referenzjarji inklużi fil-Pjan Operazzjonali tan-Network tat-2 ta' Lulju 2024 minħabba t-tkabbir aktar ottimist fit-traffiku tal-ajru mbassar fit-tbassir tat-traffiku ta' STATFOR ta' Ottubru 2024. Il-Greċja tispjega li l-ANSP ġarrbet dewmien fl-RP3 fl-implimentazzjoni tal-pjan tal-investiment tagħha tal-RP3 u fir-reklutaġġ tal-ATCOs, li wassal għal restrizzjonijiet operazzjonali fil-livell lokali. Il-Greċja tinvoka, b'mod partikolari, il-limitazzjonijiet tekniċi relatati mas-sistemi ta' legat li bħalissa qed jintużaw mill-ANSP, li huma ppjanati li jiġu sostitwiti jew modernizzati biss aktar tard tul l-RP4.

(87) Iżda fid-dawl tal-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fil-punt 1.3 tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni jidhrilha li l-informazzjoni u l-evidenza pprovduti mill-Greċja fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha, inkluż fir-rigward taċ-ċirkostanzi lokali rilevanti, ma jiġġustifikawx id-devjazzjonijiet sinifikanti proposti tal-miri tal-kapaċità għall-025 u għall-2026 mill-valuri referenzjarji korrispondenti. Il-Kummissjoni jidhrilha l-Greċja tista' tistabbilixxi miżuri addizzjonali biex ittejjeb il-miri tal-kapaċità tagħha għal dawk is-snin ħalli ttaffi l-effetti negattivi tad-dewmien fir-reklutaġġ tal-ATCOs u n-nuqqas ta' twettiq tal-investimenti ppjanati fl-RP3.

(88) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (82) sa (87), jenħtieġ li l-miri tal-kapaċità tal-Greċja jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza

(89) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Greċja għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tal-Greċja	Valur bażi tal-2019	Valur bażi tal-2024	2025	2026	2027	2028	2029
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 28,84**	**EUR 25,04**	**EUR 24,67**	**EUR 24,01**	**EUR 24,95**	**EUR 26,40**	**EUR 25,72**

(90) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tal-Greċja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +0,5% tul l-RP4 hi inqas mix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(91) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tal-Greċja fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' - 1,3% tisboq ix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(92) Il-Kummissjoni tinnota li l-valur bażi għas-sena 2019 ippreżentat mill-Greċja fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha jinkludi aġġustamenti tal-kostijiet li jammontaw għal EUR 19,5 miljun ta' kostijiet addizzjonali espressi fl-EUR2022. Skont l-analiżi tal-PRB, dawk l-aġġustamenti ma kinux parti mill-valur bażi tal-2019 stabbilit fil-pjan tal-prestazzjoni tal-Greċja għall-RP3 u ma ġewx iġġustifikati kif xieraq mill-Greċja fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tagħha tal-RP4.

(93) Għalhekk, jeħtieġ jiġi eżaminat, għall-fini tal-kriterju tal-valutazzjoni msemmi fil-premessa (91), jekk il-Greċja tissodisfax ix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha fin-nuqqas tal-aġġustamenti fir-rigward tal-valur bażi tal-2019, imsemmi fil-premessa (92).

(94) Għal dak il-għan, il-Kummissjoni reġgħet ikkalkulat ix-xejra fit-tul tad-DUC tal-Greċja tul l-RP3 u l-RP4 billi użat il-valur bażi tal-2019 inkluż fil-pjan tal-prestazzjoni tal-RP3 tal-Greċja, minflok il-valur bażi aġġustat inkluż fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-RP4 tal-Greċja. Dak il-kalkolu mill-ġdid jwassal għal aġġustament fix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Greċja ta' +0,1%, u b'hekk tkun inqas mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha ta' - 1,0%. Għalhekk ġie konkluż li l-Greċja ma tissodisfax il-kriterju tal-valutazzjoni msemmi fil-premessa (91).

(95) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi tal-2024 għad-DUC ta' EUR 25,04 tal-Greċja fl-EUR2022 hu 39,2% inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 41,19 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (c), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(96) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Greċja ma ppreżentat l-ebda ġustifikazzjoni għad-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (90) u (91) minħabba l-miżuri għall-kisba tal-miri tal-kapaċità jew tal-miżuri tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(d)(i) u (ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqisux issodisfati fir-rigward tal-Greċja.

(97) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (89) sa (96), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Greċja jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

Rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri ambjentali

(98) F'konformità mal-punt 2.1(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni kkumplimentat il-valutazzjoni tagħha tal-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-Greċja b'rieżami tal-miżuri għall-kisba tal-miri ambjentali inklużi f'dak il-pjan.

(99) Abbażi tar-rieżami msemmi fil-premessa (98), il-Kummissjoni għandha dubji dwar jekk il-miżuri ppreżentati mill-Greċja għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni ambjentali tagħha humiex adegwati biex il-miri jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod effettiv. Wara li kkunsidrat is-sejbiet tal-PRB, il-Kummissjoni tosserva, b'mod partikolari, li l-Greċja ma impenjatx ruħha fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni li timplimenta diversi miżuri rilevanti stabbiliti fl-ERNIP.

(100) Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li l-Greċja jenħtieġ li ttejjeb il-miżuri għall-kisba tal-miri ambjentali tagħha għall-RP4 ippreżentati fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, inkluż billi timpenja ruħha għall-miżuri operazzjonali kollha stabbiliti fl-ERNIP u tħaffef l-implimentazzjoni tal-ispazju tal-ajru transfruntier b'rotot liberi.

6. **SEJBIET LI JIKKONĊERNAW LILL-IRLANDA**

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza

(101) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mill-Irlanda għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tal-Irlanda	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 27,59**	**EUR 27,29**	**EUR 28,61**	**EUR 29,72**	**EUR 29,75**	**EUR 29,84**	**EUR 30,14**

(102) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tal-Irlanda fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +2,0% tul l-RP4 hi inqas mix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(103) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tal-Irlanda fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' +1,0% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(104) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 27,29 tal-Irlanda fl-EUR2022 hu 4,0% inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 28,43 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (b), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(105) Jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk id-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (102) u (103) jistgħux jitqiesu meħtieġa u proporzjonati f'konformità mal-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat jekk id-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (102) u (103) humiex esklużivament dovuti għal kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għal kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(106) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4 (d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Irlanda tirreferi għall-kostijiet determinati addizzjonali mġarrba tul l-RP4 mill-ANSP AirNav Ireland fir-rigward tal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità lokali ("miżuri tal-kapaċità"). Il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati jinkludu l-elementi ewlenin li ġejjin:

(a) it-taħriġ u l-ingaġġ ta' ATCOs addizzjonali fl-operat ħalli tiġi indirizzata ż-żieda mistennija fit-traffiku tul l-RP4;

(b) l-ingaġġ ta' persunal addizzjonali fl-elettronika għas-sikurezza tat-traffiku tal-ajru biex jgħin fit-twettiq ta' proġetti tal-investiment kapitali, b'mod partikolari l-implimentazzjoni ppjanata ta' sistema ġdida tal-ATM tul l-RP4;

(c) l-ingaġġ ta' persunal addizzjonali ta' appoġġ ġenerali biex l-ATCOs ma jibqgħux jagħmlu kompiti mhux operazzjonali u tiżdied il-produttività tal-ATCO;

(d) l-akkwist u l-użu ta' sistema ġdida tal-ATM, li se tipprovdi titjib funzjonali u tekniku sinifikanti; l-ATM il-ġdida se tissostitwixxi s-sistema attwali tal-ATM ta' AirNav Ireland, li ilha tintuża 17-il sena; b'rabta mas-sistema l-ġdida tal-ATM, AirNav Ireland qed tippjana wkoll li timplimenta sistema ġdida tal-ATM ta' kontinġenza, u li testendi l-binja tal-ACC tagħha biex ikollha faċilitajiet għall-provi u l-ittestjar tas-sistema l-ġdida tal-ATM;

(e) it-titjib fl-infrastruttura tar-radar użata, b'mod partikolari billi jinbidlu komponenti tekniċi li waslu fi tmiem ħajjithom;

(f) l-akkwist ta' tagħmir u għodod biex tiġi appoġġata r-reżiljenza tal-operazzjonijiet.

(107) Wara li titqies l-evalwazzjoni tal-PRB, il-kostijiet addizzjonali rrapportati mill-Irlanda għall-miżuri tal-kapaċità msemmija fil-premessa (106) ikopru mil-lat monetarju d-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha kkalkulati mill-PRB. Iżda skont il-PRB, l-Irlanda m'għandhiex diffikultajiet kbar relatati mal-kapaċità li r-riżoluzzjoni tagħhom tkun teħtieġ kostijiet addizzjonali sinifikanti fl-RP4.

(108) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li ċerti miżuri tal-kapaċità invokati mill-Irlanda jistgħu jitqiesu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-ANSPs ikkonċernati jew jaf ma jikkontribwixxux direttament għat-titjib fil-kapaċità tal-ispazju tal-ajru. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż, mingħajr aktar informazzjoni u analiżi dettaljati, jekk il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati mill-Irlanda jistgħux jitqiesu, fl-intier tagħhom, meħtieġa u proporzjonati għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali għall-RP4.

(109) Għalhekk, il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqiesx issodisfat fir-rigward tal-Irlanda.

(110) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, l-Irlanda ma ppreżentat l-ebda miżura tar-ristrutturar li tiġġustifika devjazzjoni mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha skont il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(111) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (101) sa (110), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Irlanda jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

7. **SEJBIET LI JIKKONĊERNAW LIL-LATVJA**

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza

(112) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mil-Latvja għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tal-Latvja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bhala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 28,57**	**EUR 37,97**	**EUR 48,73**	**EUR 53,56**	**EUR 57,79**	**EUR 61,14**	**EUR 63,75**

(113) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tal-Latvja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' +10,9% tul l-RP4 hi inqas mix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(114) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tal-Latvja fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' +9,3% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(115) Iżda l-Kummissjoni tinnota li minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Latvja tilfet sehem sinifikanti mit-titjiriet li jgħaddu minn fuqha li storikament kienet isservi. Tul l-RP4, dak it-tnaqqis fit-traffiku se jissokta jħalli impatt konsiderevoli fuq il-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza tal-ANSP tal-Latvja u jħalli effett negattiv, b'mod partikolari, fuq ix-xejra fit-tul tad-DUC tal-Latvja kkalkulata tul l-RP3 u l-RP4 f'daqqa.

(116) Għalhekk jeħtieġ u jixraq jiġi eżaminat, għall-fini tal-kriterju tal-valutazzjoni msemmi fil-premessa (114), jekk il-Latvja tissodisfax ix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha fin-nuqqas taċ-ċirkostanzi msemmija fil-premessa (115).

(117) Għal dak il-għan, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid ix-xejra fit-tul tad-DUC tal-Latvja tul l-RP3 u l-RP4 fid-dawl tat-telf strutturali stmat tat-traffiku għal-Latvja minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, imkejla f'unitajiet ta' servizz *en route*. Dak il-kalkolu mill-ġdid jwassal għal aġġustament fix-xejra fit-tul tad-DUC għal-Latvja ta' +1,3%, u b'hekk tibqa' iżjed mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha ta' - 1,0%. Għalhekk, hu konklużi li l-Latvja ma tissodisfax il-kriterju tal-valutazzjoni msemmi fil-premessa (114), anki wara li tqis l-effett tat-tnaqqis sinifikanti tat-traffiku li seħħ minħabba l-gwerra fl-Ukrajna.

(118) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 37,97 tal-Latvja fl-EUR2022 hu 32,4% inqas mill-valur bażi medju ta' EUR 56,17 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (d), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(119) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-Latvja ma ppreżentat l-ebda ġustifikazzjoni għad-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (113) sa (117) minħabba l-kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità jew tal-kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fil-punti 1.4(d)(i) u (ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqisux issodisfati fir-rigward tal-Latvja.

(120) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (112) sa (119), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tal-Latvja jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

8. **SEJBIET LI JIKKONĊERNAW LIS-SLOVAKKJA**

Valutazzjoni tal-miri tal-kosteffiċjenza

(121) Il-miri tal-kosteffiċjenza *en route* proposti mis-Slovakkja għall-RP4, u l-valuri bażi relatati, huma kif ġej:

Iż-żona tal-imposti *en route* tas-Slovakkja	Valur bażi tal-2019	Valur bażi tal-2024	2025	2026	2027	2028	2029
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 56,20**	**EUR 60,11**	**EUR 62,58**	**EUR 61,85**	**EUR 61,12**	**EUR 59,71**	**EUR 58,34**

(122) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(a) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra tad-DUC tas-Slovakkja fil-livell taż-żona tal-imposti ta' - 0,6% tul l-RP4 hi inqas mix-xejra għall-Unjoni kollha ta' - 1,2% fl-istess perjodu.

(123) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li x-xejra fit-tul tad-DUC tas-Slovakkja fil-livell taż-żona tal-imposti tul l-RP3 u l-RP4 ta' +0,4% hi inqas mix-xejra fit-tul għall-Unjoni kollha ta' - 1,0% fl-istess perjodu.

(124) Fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tosserva li l-valur bażi għad-DUC ta' EUR 60,11 tas-Slovakkja fl-EUR2022 hu 70,0% iżjed mill-valur bażi medju ta' EUR 35,35 fl-EUR2022 tal-grupp komparatur rilevanti stabbilit fl-Artikolu 7, il-punt (c), tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

(125) Jeħtieġ jiġi eżaminat jekk id-devjazzjonijiet imsemmija fil-premessi (122) sa (124) jistgħux jitqiesu meħtieġa u proporzjonati f'konformità mal-punt 1.4(d) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat jekk id-devjazzjonijiet osservati mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha u mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (122) u (123) humiex esklużivament dovuti għal kostijiet determinati addizzjonali relatati mal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità jew għal kostijiet tar-ristrutturar skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (18), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(126) Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, is-Slovakkja tirreferi għall-kostijiet determinati addizzjonali mġarrba tul l-RP4 mil-LPS tal-ANSP fir-rigward tal-miżuri meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità lokali ("miżuri tal-kapaċità"). Il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati jinkludu l-elementi ewlenin li ġejjin:

(a) it-taħriġ u l-ingaġġ ta' ATCOs addizzjonali fl-operat ħalli tiġi indirizzata ż-żieda mistennija fit-traffiku tul l-RP4; dan hu ppjanat li tul l-RP4 iwassal għal żieda ġenerali ta' aktar minn 10% fl-għadd ta' ATCOs fl-operat tal-ACC ta' Bratislava;

(b) l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida tal-ATM, li hija prevista biex fil-futur tkun tista tittejjeb il-kapaċità tal-ispazju tal-ajru;

(c) il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura u tal-binja biex tissaħħaħ ir-reżiljenza operazzjonali.

(127) Wara li kkunsidrat l-evalwazzjoni tal-PRB, il-kostijiet addizzjonali rrapportati mis-Slovakkja għall-miżuri tal-kapaċità msemmija fil-premessa (126) huma ferm inqas mil-lat monetarju mid-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha kkalkulati mill-PRB. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li ċerti miżuri tal-kapaċità invokati mis-Slovakkja jistgħu jitqiesu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-ANSPs ikkonċernati jew jaf ma jikkontribwixxux direttament għat-titjib fil-kapaċità tal-ispazju tal-ajru. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż, mingħajr aktar informazzjoni u analiżi dettaljati, jekk il-miżuri tal-kapaċità ppreżentati mis-Slovakkja jistgħux jitqiesu, fl-intier tagħhom, meħtieġa u proporzjonati għall-kisba tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità lokali għall-RP4. Għalhekk, il-Kummissjoni tinnota li d-devjazzjonijiet osservati mix-xejriet tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha msemmija fil-premessi (122) u (123) ma jistgħux jiġu attribwiti esklużivament għall-kostijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-miżuri tal-kapaċità ppreżentati.

(128) Għalhekk, il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(i) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 jenħtieġ li ma jitqiesx issodisfat fir-rigward tas-Slovakkja.

(129) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni, is-Slovakkja ma ppreżentat l-ebda miżura tar-ristrutturar li tiġġustifika devjazzjoni mix-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha jew mix-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha skont il-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(d)(ii) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

(130) Abbażi tas-sejbiet stabbiliti fil-premessi (121) sa (129), il-miri tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza għaż-żona tal-imposti *en route* tas-Slovakkja jenħtieġ li jitqiesu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

9. **KONKLUŻJONIJIET**

(131) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, ċerti miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-FABEC ippreżentat mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu u min-Netherlands, u ċerti miri tal-prestazzjoni inklużi fl-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni ppreżentati mid-Danimarka, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, mil-Latvja u mis-Slovakkja, jenħtieġ li ma jitqisux konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għall-RP4.

(132) F'konformità mal-Artikolu 14(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istati Membri kkonċernati jridu jippreżentaw l-abbozzi riveduti tal-pjanijiet tal-prestazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miri tal-prestazzjoni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, li huma inklużi fl-abbozz tal-pjan tal-prestazzjoni tal-blokok tal-ispazju tal-ajru funzjonali sottomess mill-Belġju, mill-Ġermanja, minn Franza, mil-Lussemburgu u min-Netherlands, u fl-abbozz tal-pjanijiet tal-prestazzjoni nazzjonali sottomess mid-Danimarka, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, mil-Latvja u mis-Slovakkja, huma inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju ("RP4") stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

Artikolu 2

Il-Greċja għandha tirrevedi l-miri tal-kapaċità *en route* tagħha għall-2025 u l-2026, espressi bħala l-minuti tad-dewmien medju tal-ATFM *en route* għal kull titjira, biex tagħmilhom konsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha, fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1688.

Jekk il-Pjan Operazzjonali tan-Network tat-2 ta' Lulju 2024 imfassal f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ikun jirrakkomanda xi miżuri addizzjonali speċifiċi biex titjieb il-prestazzjoni tal-kapaċità, wara ir-reviżjoni tal-miri tal-prestazzjoni tal-kapaċità msemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jitqiesu dawk il-miżuri.

Artikolu 3

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, u s-Slovakkja għandhom jirrevedu 'l isfel il-miri tal-kosteffiċjenza stabbiliti għaż-żoni tal-imposti *en route* tagħhom, espressi bħala kost unitarju determinat (DUC).

Meta jirrevedu l-miri tal-kosteffiċjenza tagħhom, dawk l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li l-miri riveduti tal-kosteffiċjenza jkunu konsistenti max-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha u anki max-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha, imsemmija, rispettivament, fil-punt 1.4(a) u (b) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317;

(b) inaqqsu l-livell tal-kostijiet determinati kif xieraq, b'mod partikolari fir-rigward tas-sena kalendarja 2029;

(c) jużaw l-aktar tbassir tat-traffiku riċenti, espress f'unitajiet ta' servizz, f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317;

B'deroga mill-ewwel paragrafu, il-punt (a), meta l-valur bażi taż-żona tal-imposti *en route* rilevanti jkun jissodisfa l-kriterju stabbilit fil-punt 1.4(c) tal-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-miri riveduti tal-kosteffiċjenza jkunu konsistenti mqar max-xejra tad-DUC għall-Unjoni kollha jew max-xejra fit-tul tad-DUC għall-Unjoni kollha.

Meta Stat Membru, fl-abbozz rivedut tal-pjan tal-prestazzjoni tiegħu li jrid jissottometti f'konformità mal-Artikolu 14(3), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, jinvoka devjazzjoni skont il-punt 1.4(d) tal-Anness IV ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, dan għandu jiżgura li dik id-devjazzjoni tkun sostanzjata b'informazzjoni u ġustifikazzjonijiet adegwati. B'mod partikolari, l-Istat Membru kkonċernat għandu juri li kwalunkwe miżura invokata biex tiġġustifika devjazzjoni mill-miri tal-kosteffiċjenza għall-Unjoni kollha tkun relatata biss ma' riżorsi operazzjonali jew kapaċitajiet tekniċi addizzjonali meħtieġa għall-kisba tal-miri tal-kapaċità.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lill-Irlanda, lir-Repubblika Ellenika, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika tal-Latvja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Renju tan-Netherlands, u lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Apostolos TZITZIKOSTAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Miri tal-prestazzjoni li nstabu inkonsistenti mal-miri tal-prestazzjoni għall-Unjoni kollha għar-raba' perjodu referenzjarju

1. **MIRI INKLUŻI FL-ABBOZZ TAL-PJAN TAL-PRESTAZZJONI TAL-FABEC IPPREŻENTAT MILL-BELĠJU, MILL-ĠERMANJA, MINN FRANZA, MIL-LUSSEMBURGU U MIN-NETHERLANDS**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Żona tal-imposti *en route* tal-Belġju u tal-Lussemburgu	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 94,14**	**EUR 104,26**	**EUR-104,94**	**EUR-106,08**	**EUR-106,14**	**EUR-104,43**	**EUR 103,83**

Żona tal-imposti *en route* tal-Ġermanja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 71,71**	**EUR 74,90**	**EUR 73,16**	**EUR 73,06**	**EUR 73,10**	**EUR 71,87**	**EUR 70,54**

Żona tal-imposti *en route* tan-Netherlands	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 86,52**	**EUR 104,60**	**EUR-103,51**	**EUR-103,61**	**EUR-106,50**	**EUR-106,28**	**EUR 105,95**

2. **MIRI INKLUŻI FL-ABBOZZ TAL-PJAN TAL-PRESTAZZJONI TAD-DANIMARKA**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Żona tal-imposti *en route* tad-Danimarka	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**DKK 466,58**	**DKK 543,10**	**DKK 529,76**	**DKK 521,41**	**DKK 515,34**	**DKK 506,93**	**DKK 500,26**
	EUR 62,74	EUR 73,02	EUR 71,23	EUR 70,11	EUR 69,29	EUR 68,16	EUR 67,26

3. **MIRI INKLUŻI FL-ABBOZZ TAL-PJAN TAL-PRESTAZZJONI TAL-ESTONJA**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Żona tal-imposti *en route* tal-Estonja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 38,12**	**EUR 54,69**	**EUR 50,46**	**EUR 52,95**	**EUR 54,37**	**EUR 54,54**	**EUR 55,69**

4. **MIRI INKLUŻI FL-ABBOZZ TAL-PJAN TAL-PRESTAZZJONI TAL-GREĊJA**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ

Il-Greċja	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kapaċità, espressi f'minuti tad-dewmien *en route* tal-ATFM għal kull titjira	**0,69**	**0,50**	**0,19**	**0,16**	**0,16**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Żona tal-imposti *en route* tal-Greċja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 28,84**	**EUR 25,04**	**EUR 24,67**	**EUR 24,01**	**EUR 24,95**	**EUR 26,40**	**EUR 25,72**

5. **MIRI INKLUŻI FL-ABBOZZ TAL-PJAN TAL-PRESTAZZJONI TAL-IRLANDA**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Żona tal-imposti *en route* tal-Irlanda	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 27,59**	**EUR 27,29**	**EUR 28,61**	**EUR 29,72**	**EUR 29,75**	**EUR 29,84**	**EUR 30,14**

6. **MIRI INKLUŻI FL-ABBOZZ TAL-PJAN TAL-PRESTAZZJONI TAL-LATVJA**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Żona tal-imposti *en route* tal-Latvja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 28,57**	**EUR 37,97**	**EUR 48,73**	**EUR 53,56**	**EUR 57,79**	**EUR 61,14**	**EUR 63,75**

7. **MIRI INKLUŻI FL-ABBOZZ TAL-PJAN TAL-PRESTAZZJONI TAS-SLOVAKKJA**

QASAM EWLIENI TAL-PRESTAZZJONI TAL-KOSTEFFIĊJENZA

Żona tal-imposti *en route* tas-Slovakkja	**Valur bażi tal-2019**	**Valur bażi tal-2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**2028**	**2029**
Miri u valuri bażi fil-qasam ewlieni tal-prestazzjoni tal-kosteffiċjenza, espressi bħala kost unitarju determinat (f'termini reali bil-prezzijiet tal-2022)	**EUR 56,20**	**EUR 60,11**	**EUR 62,58**	**EUR 61,85**	**EUR 61,12**	**EUR 59,71**	**EUR 58,34**